**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz ASF 184/2023**

**MA (l-ilmentatur)**

**vs**

**GasanMamo Insurance Ltd (C 3143)**

**(il-provditur tas-servizz)**

**Seduta tal-15 ta' Jannar 2024**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment**, fejn l-ilmentatur jissottometti li waqt li kien imsiefer, il-basket personali tieghu li kien jinkludi flus kontanti, nuccali tax-xemx, *mobile phone* u *earpods*, fost ohrajn, gie misruq. Dwar dan sar rapport lill-pulizija Amerikana fejn anke gie sottomess lilhom evidenza ta' dan permezz ta' CCTV *camera* li kienet fl-istabbiliment minn fejn dan l-istess basket gie misruq.

L-ilmentatur stqarr li giet imressqa talba ghal kumpens taht il-polza tal-assigurazzjoni tal-ivvjaggar li hu kellu mal-provditur tas-servizz, izda dan tal-ahhar qed jirrifjuta din it-talba a bazi ta' nuqqas ta' evidenza fir-rigward tal-oggetti misruqa u dan minkejja li hu ta dak kollu li hu kellu bhala evidenza.

L-ilmentatur sostna li l-provditur tas-servizz qed jonqos fil-konfront tieghu minhabba li fil-polza m'hemm imkien indikat li f'kaz ta' serq iridu jigu pprezentati l-ircevuti u l-kaxxi tat-taghmir elettroniku li jkun gie misruq. Insista li l-polza tghid *'any evidence'* u minkejja li kien ghalhekk li hu ta dak kollu li kellu f'idu bhala evidenza, mhux qed jigi emmnut. Qal li apparti hekk, ipprezenta wkoll *affidavits*,

kemm tieghu stess bhala l-vittma tas-serqa u anke ta' persuna ohra li kienet mieghu fl-istabbiliment.

L-ilmentatur stqarr li r-rimedju li qed jitlob huwa wiehed u car – kellu polza tal-assigurazzjoni tal-ivvjaggar, gie misruq u, ghaldaqstant, qed jitlob li l-provditur tas-servizz jaghmel tajjeb ghall-affarijiet li hu kellu fil-basket li nsteraq. Qed jitlob[1] total ta' €1,980 fir-rigward tal-kamera, *mobile*, nuccali, u *airpods* li jiswew €250, €1,200, €250 u €250 rispettivament, il-basket innifsu li kien jiswa €30, u dan flimkien mal-ammont ta' flus kontanti li kienu fl-istess basket u li kienu jammontaw ghal $3,000.

**Ra r-risposta[2] tal-provditur tas-servizz li tghid:**

*"B'referenza ghall-ittra tieghek tal-5 t'Ottubru 2023, dwar l-ilment tas-Sur MA, nistghu nwiegbu li:*

1. *L-klijent, is-Sur MA, ghamel claim ma' Gasan Mamo Insurance Ltd ghal serq ta' basket li allgatament kien fih:*

    a. *Nuccali tad-ditta Rayban*

    b. *Apple ear buds*

    c. *Go Pro Camera*

    d. *iPhone 14*

    e. *Flus li jammontaw ghal USD 3,000*

    *Il-klijent ma pprovda l-ebda evidenza bhala prova ta' dawn l-oggetti kif huwa obbligat li jaghmel skont il-kundizzjonijiet tal-polza tal-assigurazzjoni (ara pagna 4 tal-polza annessa).*

    *Fir-rigward tal-iPhone 14, ghalkemm kien ghadu gdid, la l-ircevuta u lanqas il-garanzija ma seta' jipprovdi. Wara li gie misruq, il-klijent ma ha l-ebda passi biex jimblokka l-mobile phone tieghu.*

[1] P. 3
[2] P. 93

*Fir-rigward tal-flus, hu semma li dawn gew imsarrfa fuq l-idejn. Dan huwa illegali u b'hekk ma jistax jigi ikkunsidrat.*

2. *Kif ser jigu ppruvat waqt is-smigh tal-kaz, il-klijent mhuwiex qieghed jghid il-verità dwar kif gara l-incident.*

   *B'hekk hemm evidenza cara ta' 'misrepresentation' li jfisser ksur tal-kundizzjoni numru 7 tal-polza tal-assigurazzjoni.*

3. *Il-claim ma gietx imhallsa ghaliex kien hemm ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza, specifikament:*

   a. *Special Condition 1 applicable to Section A (pagna 3)*

   b. *Special Condition 5 applicable to Section A (pagna 4)*

   c. *Special Conditions applicable to Section B (pagna 4)*

   d. *Exclusion 2(b) applicable to Section A & B (pagna 6) – Skont ir-rapport tal-pulizija, l-basket bi flus u 'valuables' thalla wahdu (unattended).*

   e. *Condition 7 (pagna 25)*

   *Kopja ta' dawn is-sezzjonijiet tal-polza huma annessi flimkien ma' din l-ittra, filwaqt li kopja tal-polza shiha qieghda annessa mal-ilment tas-Sur MA (Index E)."*

**Seduti**

F'dan il-kaz, saret seduta wahda fejn fiha xehdu kemm l-ilmentatur u r-rapprezentant tal-provditur tas-servizz, kif ukoll saru s-sottomissjonijiet finali miz-zewg partijiet.

L-ilmentatur, MA, xehed[3] li,

***"Nghid li jiena MA. Ghandi XX sena u noqghod XXX. Mizzewweg u ghandi tifel ta' XX sena. Nahdem full-time; jien XXXXX u bhalissa XXXXX u ghandi XXXX.***

***Nghid li f'Mejju li ghadda kellna ppjanata holiday, jiena, l-mara u koppja ohra. Nghid li fit-tieni gurnata, konna qeghdin f'hanut naraw xi hwejjeg, insteraqli***

[3] P. 202 - 205

*l-backpack. Waqt li konna hemm bdejna nfittxu dan il-backpack imma dan ma nstabx. Il-backpack kien hdejja maybe two metres away. Nghid li kont qed nipprova flokk, ma kontx fid-dressing room, kont barra. M'ghogobnix, inzajtu, dort u l-backpack ma sibtux.*

*Ovvjament, qbadna nfittxu imma dan il-backpack ma nstabx. Ghajjatna lill-iStore Manager u din bdiet tghini mal-haddiema taghha biex naraw insibuhx x'imkien. Wara xi siegha nfittxu, wasalna ghall-konkluzjoni li kellna naraw is-CCTV cameras.*

*Ovvjament, lili l-cameras ma hallewnix narahom minhabba ragunijiet li qeghdin madwar id-dinja kollha. U wara xi 20 minuta, giet il-Manageress tat-Tommy Hilfiger Store u qaltli li ghadda xi hadd minn warajja meta kont qed nipprova l-flokk, tip Hispanic, liebes tank top u shorts li ha l-basket u baqa' hiereg 'il barra bih.*

*Hemmhekk ghinitni ncempel lill-pulizija u wara xi siegha gew il-pulizija. Ghamilna r-rapport u talbuni nghidilhom x'kien hemm fil-basket. Ghidtilhom kollox, imbaghad, bdejt nistenna r-rapport. Sadanittant, filghaxija, kif mort lura l-lukanda, ikkomunikajt ma' Mr John Vella li kien ghamilli l-polza tal-assikurazzjoni ma' Gasan Insurance. Lil John Vella nafu sew u jafni sew ghax XXX, u ghamilt insurance ma' Gasan bis-sahha tieghu u qalli li kif nircievi d-dokument minghand il-pulizija nibaghtu biex jibda jinfetah il-claim.*

*Jien hekk ghamilt u ghadda z-zmien u gejna lura, u kelli appuntament ma' Gasan il-Gzira ma' certu sinjorina li bhalissa nsejt x'jisimha.U din is-sinjorina talbitni xi evidenza bhat-tickets, luggage tags u affarijiet ohra li kellha bzonn. Li stajt tajtha, tajtha. Però, kien hemm xi affarijiet Ii talbitni bhal, perezempju, ricevuta tal-flus.*

*Jien fil-backpack tieghi kelli $3,000, kelli i-phone, earbuds, xi dokumenti tal-vaccini u kelli GoPro camera flimkien ma' nuccali RayBan. Certu affarijiet li kelli ma stajtx nipprovdilha evidenza bhal ricevuti jew kaxxi minhabba l-fatt li hafna mill-affarijiet kienu mixtrijin mhux recentament, allura, dak li jkun mhux kulhadd izomm il-karti u l-kaxxi ghal xi ghaxar snin. U talbitni wkoll ricevuta tal-flus minn fejn sarraft il-flus.*

*Tajjeb li wiehed jinnota, li jien fl-2019, kont l-Amerika, holiday ohra, u kien fadalli xi flus, jekk m'inix sejjer zball xi $1,800; ittoppjajt maghhom il-flus li kelli bzonn ghalija u ghall-mara ghax il-holiday kienet twila, ta' 21 gurnata ghax mill-Amerika morna d-Dominican Republic u morna Cuba.*

*Ovvjament qieghed hawn ghax l-insurance qed tghidli li ma tistax tilqa' t-talba tal-claim minhabba li hemm xi dokumentazzjoni nieqsa, bhal ricevuti, kaxxi, whatever.*

*Min-naha tieghi, nista' nghid li tajthom evidenzi ohrajn, bhal jekk ma kellix kaxxa tan-nuccali tajthom ritratt mehud dakinhar stess filghodu ghax f'dik il-gurnata jien u l-habib tieghi morna naraw Formula One il-provi ta' Miami. Ritratt bin-nuccali. Tajthom il-water case tal-camera. Tajthom ritratt ta' meta t-tifel xtrali l-iphone u l-earbuds. Nghid li tajthom dawk l-affarijiet li stajt naghtihom; ovvjament, li ma stajtx naghtihom, ma tajthomlhomx.*

*Minn hemm 'il quddiem, kien hemm hafna korrispondenza bejn il-partijiet fejn l-insurance riedet thallasni biss ta' zewg bagalji illi kien gralhom il-hsara meta konna gejjin lura minn Cuba.*

*In the meantime, apparti li jien tkellimt mal-Ufficcju tal-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji, tkellimt ukoll mal-avukat tieghi fejn kien hemm korrispondenza bejn l-avukat tieghi ma' Gasan. U l-ahhar informazzjoni li ghandi minghand l-avukat tieghi hi li Dr Peter Borg Costanzi qal lill-avukat tieghi, Dr Noella Sciriha, illi l-insurance lesta li thallas €600 tal-claim.*

*Ovvjament, jien m'inix ser naccetta ghax li qed nghid il-verità u aktar mill-verità. Tajjeb nghid li jiena bniedem li nsiefer spiss u naghmel insurance kull darba li nsiefer. Nghid li claims ftit li xejn kelli. Kelli xi wahda ilu ftit mhux hazin l-Ingilterra; u, jekk m'inix sejjer zball, kelli wahda hmistax-il sena ilu l-Awstralja fejn xi hadd gibed il-basket tat-tifel, kien ghadu zghir, meta konna holiday l-Awstralja.*

*Jien m'inix xi bniedem kif allega l-avukat tal-kumpanija, Dr Peter Borg Costanzi, illi hemm misrepresentation kemm min-naha tieghi u kemm min-naha tal-mara tieghi.*

***In the meantime, kemm jiena u kemm il-koppja l-ohra ghamilna affidavit guramentat bl-affarijiet ezattament kif graw, però, jidher li dawn l-affarijiet il-kumpanija ma tatx kazhom assolutament.***

***Biex nikkonkludi, dak hu pressa poco x'gara u ma garax.***

***Tajjeb wiehed ifakkar li jien is-$7,500 li kelli in cash ma kont qatt kontra l-ligi ghaliex ahna, safejn naf jiena, intitolati ngorru u nuzaw sa massimu ta' €10,000, jigifieri, min-naha tieghi zgur li naf li I am in the right path.***

***Nghid li jiena bniedem nahdem u nirsisti, m'inix sinjur, imma naqalghuha tajjeb kemm jien u kemm il-mara, u zgur li din in-nota li ghamel l-avukat tal-misrepresentation zgur mhijiex ser tkun gejja min-naha taghna.***

***Jien insiefer spiss ghax anke xogholi, XXX, ikolli hafna safar. Apparti hekk, ghandi insurance ohra, u naf ghax ghamilt ir-ricerka tieghi, li hi aware ukoll ghax Gasan meta staqsewni kellix insurance ohra tajthom l-isem tal-insurance tal-BOV Flypass. Jidher li huma qed jistennew xi dokumenti minghand Gasan biex jipprocedu.***

***Nghid li jien ghandi policies mhux hazin, ghandi d-dar, appartamenti tal-kiri, tliet karozzi, garage, dghajsa u kollha qeghdin ma' Elmo Insurance; u jekk l-insurance trid tkun taf ahna bhala familja x'tip ta' nies ahna, hija haga zghira ghaliha li ticcekkja fuqna.***

***Nifhem ukoll il-fatt li l-insurances iridu jaghmlu l-bicca taghhom, però, it's not fair li mal-hazin jehel it-tajjeb."***

Waqt il-kontroezami[4] li sarlu, MA kompla jixhed:

***"Qed nigi referut ghal li ghidt li kelli $7,500 u semmejt li kien ghad fadalli $1,800 minn vjagg li kelli fl-2019.***

***Mistoqsi minn fejn sarraft id-differenza, nghid li ghandi habib tieghi li jahdem fuq rig taz-zejt u jkollu l-cash - u dan id-diskors digà ghidtu lill-insurance - u sarrafthom minghandu. Meta tkellimt hekk, l-insurance qaluli, 'It's illegal'. Jien m'inix ser nidhol fil-legalità, m'inix avukat, però, id-differenza minn hemm.***

[4] P. 205

***Jiena fi tliet snin qghadt insarraf bicca bicca sakemm irnexxili nghaqqad dawk is-$7,500 plus li kelli €1,100 ohra, però, dawk qatt ma ssemmew ghax kienu ghand il-mara. Il-flus kienu maqsumin: $3,000 ghandi u l-kumplament fil-basket tal-mara."***

Mill-banda l-ohra, John Galdes, rapprezentant tal-provditur tas-servizz, xehed[5] li:

***"L-ewwelnett, nikkonferma bil-gurament ir-risposta taghna li nkitbet fit-23 t'Ottubru. Hemmhekk hemm il-punti kollha u nistrieh fuq dak li hemm miktub.***

***Il-punti ewlenin huma tlieta. L-ewwelnett, il-kwistjoni tal-evidenza. Ahna fil-polza, nistaqsu ghall-evidenza biex inti tipprova li l-affarijiet li qed tikklejmja huma tieghek u li vera kienu ghandek. U avolja nippruvaw inkunu ragonevoli kemm jista' jkun hemm certu affarijiet li ovvjament ninsistu fuqhom.***

***Wahda minnhom hija tal-flus u, kif ghadu kif qal issa s-Sinjur, il-flus issarrfu mill-idejn, jigifieri, dan ma setax jipprovdi evidenza li l-flus issarrfu b'mod legali u kif suppost u, allura, dik ma stajniex nikkonsidrawha.***

***It-tieni item huwa l-iphone 14, jigifieri, dan kellu l-iphone 14, latest model, li hu prattikament gdid u lanqas il-garanzija ma seta' jipprovdielna. Jigifieri mhux l-ircevuta biss tlabna. Ghidnilu mqar jaghtina l-garanzija. Oggett li ghadu gdid u qalilna li xtrah mill-Ingilterra bilfors li jkollok l-ircevuta u l-garanzija, u dawn ukoll ma setax jaghtihomlna.***

***Apparti l-affarijiet l-ohra tal-electronics, fuq dawk it-tnejn ahna insistejna hafna. Almenu jaghtina ta' dawn it-tnejn: tal-flus u tal-iphone 14 li ghadu gdid.***

***Ma seta' jaghtina xejn minnhom. Meta staqsejnih ibblokkjax is-SIM Card tal-iphone meta serquhulu qalilna li ma bblokkjahx ghax is-SIM Card kien Amerikan. Hemmhekk wehilna.***

***Mela dak hu l-ewwel punt li dan ma seta' jipprovdi xejn bhala evidenza tal-affarijiet li staqsejna.***

***It-tieni punt hu tal-misrepresentation. Issemmiet mis-Sinjur, issemmiet mill-avukat taghna, u semmejniha ahna fl-ittra taghna.***

[5] P. 205 - 207

*Din hija importanti hafna ghax hawnhekk, kif ghadu kif qal l-ilmentatur u qalha wkoll permezz tal-Claim Form u fl-affidavit bil-gurament, hu semma' fl-affidavit tieghu u anke fix-xhieda tieghu issa u fl-ilment li ghamel mal-OAFS, li nizzel il-backpack, poggih fuq il-mejda tal-polo shirts magenbu u 'ezatt ftit wara li inzajt il-polo shirt ghax ma ghogobnix, indunajt li l-backpack ma kienx aktar hemm'.*

*Qed naqra mill-affidavit tieghu li dan qed jghid li nizzel il-backpack fuq il-mejda magenbu. Naghmel referenza ghall-Police Report li hemm anness mal-ilment, partikolarment, Index B, li pprovda l-ilmentatur. Il-pulizija hargu r-rapport fuq dak li qalilhom l-ilmentatur u, mbaghad, ftit sighat wara raw is-CCTV camera. U wara li raw is-CCTV camera, hargu a Supplementary Report.*

*U hawnhekk qed naghmel referenza ghall-ahhar pagna tar-rapport tal-pulizija (P. 036) fejn hemm miktub:*

*'On 05/09/2023, I received CCTV footage from Tommy Hilfiger with reference to the stolen Nike Bag. CCTV footage shows the victim trying on T-shirts inside of Tommy Hilfiger at 7.31 p.m. on 05/062023. The victim places his bag on the ground and walks away. At 7.37 p.m. (jigifieri 6 minuti wara) a white or Hispanic male with arm tattoos and wearing a black tank top, and khaki shorts is seen grabbing the bag and leaving the store'.*

*Jigifieri, mhux veru li l-backpack tpogga fuq il-mejda hdejh u xi hadd hadulu minn warajh. Il-backpack tpogga mal-art, il-vittma telaq minn hemmhekk, mexa 'l boghod, halla l-backpack ghal 7 minuti jew 6 minuti wahdu, unattended, u nsteraq minn hemm. Ghalhekk jissemma' mill-avukat taghna u kif miktub fir-risposta taghna li kien hemm misrepresentation ghax il-klijent ma qalx il-verità la bil-gurament fl-affidavit u lanqas waqt li qed jixhed quddiem l-Arbitru bil-gurament ukoll.*

*It-tielet punt, ibbazat fuq dak li ghadni kif ghidt, naghmel referenza ghat-tielet punt fir-risposta taghna fejn ahna nikkwotaw il-kundizzjonijiet tal-polza. Nghid li dawn huma kollha relatati ma' dak li ghadni kif ghidt issa: il-fatt li ma kienx hemm evidenza, il-fatt li kien hemm misrepresentation u l-fatt li meta inti thalli l-valuables, inkluz flus, mobile phones u electronic equipment unattended, dik hi specifikament eskluza mill-polza tal-insurance.*

***Dawn kienu r-ragunijiet ghalfejn il-claim ma gietx accettata."***

L-Arbitru ccara d-data ta' meta sehh il-kaz in kwistjoni, fejn l-ilmentatur ikkonferma li dan sehh fis-6 ta' Mejju, gurnata wara li huma telqu minn Malta.

F'din l-istess seduta, l-ilmentatur ghamel dawn is-sottomissjonijiet[6] verbali:

***"Mr Galdes qara ezatt x'kien hemm miktub fir-rapport tal-pulizija. Dan ma jista' jichdu hadd.***

***Nixtieq naghmilha cara li jiena fl-ebda hin ma hadt gurament falz, jigifieri, jekk Mr Galdes qisu qed jipponta subajgh lejja li hadt gurament falz, jiena m'inix dik it-tip ta' persuna.***

***Nghid li din ghidtha biex nigbed l-attenzjoni.***

***Huwa vera li qal Mr Galdes fuq dak li kiteb il-pulizija.***

***Nghid li jiena l-basket poggejtu fuq il-mejda u nibqa' nghid li l-basket poggejtu fuq il-mejda. Issa, biex ingib ezempju, affarijiet li mhux is-soltu jigru, imma sakemm dort dan il-basket waqa', ma nafx. Jien ghalija inzajtu, poggejtu fuq il-mejda ta' hdejja u mort nipprova.***

***Nghid li l-hin kif qal tajjeb is-Sur Galdes, hemm sitt minuti. F'dawk is-sitt minuti dejjem kont not far away than two or three metres mill-basket. Zgur, zgur, zgur li jien mhux kif qal is-Sur Galdes li jien tlaqt minn fuq il-post u hallejt il-basket unattended. Il-basket kien qieghed hemm, imxejt forsi tliet metri biex mort quddiem il-mera biex nipprova u kif gejt lura l-basket ma nstabx.***

***Rigward il-polza, nghid li vera li l-polza taghti indikazzjoni li trid iggib provi sufficjenti. Però, fil-polza m'hemm l-ebda ragunament li ghandi bzonn ingib l-ircevuti, ghandi bzonn ingib il-kaxxi. Huwa verità li, specjalment fuq l-iphone li kien xtrahuli t-tifel mill-Ingilterra, u ghandi mara li ma tistax tara kaxxa li ma taqbadx u tarmi, u li 99% fiha kien hemm kollox u qabdet u remiethom.***

***Però, nixtieq nistaqsi mistoqsija. L-insurance mhix qed temminni u bil-pulit kwazi kwazi qed tghid li ahna giddiebin. Din qieghda miktuba ghal darba darbtejn. Nista' nkun naf ghalfejn filli l-insurance kienet lesta li thallasni €150***

---

[6] P. 207 - 208

***tal-bagalji, imbaghad, f'daqqa wahda, l-avukat mal-avukat, dawn riedu jhallsu €600?***

***Jiena m'inix ser naccettahom is-€600 ghax naf li qieghed fis-sewwa."***

Dan filwaqt li l-provditur tas-servizz ghamel ukoll dawn is-sottomissjonijiet[7] verbali:

***"Is-Sur Galdes qabbad avukat u kien hemm diskussjonijiet minghajr pregudizzju bejn l-avukati biex tinstab soluzzjoni amikevoli bejn il-partijiet qabel ma jigi quddiem l-Arbitru ghad-decizjoni tieghu.***

***Id-diskors bejn l-avukati sar minghajr pregudizzju. Saret offerta biex nippruvaw naghlqu l-kaz a bazi tal-argumenti li hemm kemm min-naha taghna u kemm min-naha tas-Sur MA. Ma ntlahaqx ftehim u la bla pregudizzju, dak ma jistax jigi ikkunsidrat."***

**Sema' lill-partijiet**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

**Jikkunsidra:**

**FIL-MERTU**

**L-Arbitru jrid jiddeciedi l-kaz b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa ekwu, gust u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.**[8]

In-nuqqas ta' qbil bejn l-ilmentatur u l-provditur tas-servizz jirrigwardja primarjament il-fatt li tal-ewwel naqas milli jipprovdi l-evidenza necessarja fir-rigward tal-affarijiet allegatament misruqa.

L-ilmentatur insista li hu ta kulma seta', anke fid-deher tal-fatt li l-polza tindika *'any evidence'* filwaqt li l-provditur tas-servizz iddubita dan minhabba li, perezempju, fil-kaz tal-*mobile*, ma kinitx biss l-ircevuta li ntalbet izda anke l-

[7] P. 208
[8] Kap. 555, Artiklu 19(3)(b)

garanzija meta tikkunsidra l-fatt li dan kien mudell pjuttost ricenti, xi haga li l-ilmentatur izda lanqas kien f'pozizzjoni li jipprovdi.

Apparti l-element tan-nuqqas ta' evidenza, fit-twegiba tieghu ghall-ilment, il-provditur tas-servizz ghamel referenza ghall-fatt li t-talba ghall-kumpens imressqa mill-ilmentatur ma gietx onorata minhabba ksur ta' diversi kundizzjonijiet tal-polza, fosthom, *Kundizzjoni 7,* li tghid:

*"If you or anyone acting for you makes a claim knowing the claim to be dishonest or exaggerated in any way, we will not pay the claim and all cover under this Policy will cease immediately …".*[9]

Dwar dan, fl-istess twegiba ghall-ilment, il-provditur tas-servizz stqarr li, *"… il-klijent mhuwiex qieghed jghid il-verità dwar kif gara l-incident,'*[10] u huwa proprju minhabba f'hekk li qed tigi infurzata Kundizzjoni 7 tal-Polza u t-talba ghall-kumpens mhux qed tigi onorata.

Izda, minghajr pregudizzju ghar-ragunijiet l-ohra moghtija mill-provditur tas-servizz, l-Arbitru ma jhossx li hija proprju din il-kundizzjoni li kellha tapplika f'dan il-kaz. Kundizzjoni 7 referuta u kkwotata aktar 'il fuq, u li hija Kundizzjoni Generali taht il-Polza u, ghaldaqstant, tapplika ghas-sezzjonijiet kollha tal-Polza, tindika li f'kaz li tigi infurzata din l-istess kundizzjoni, it-talba ghall-kumpens tigi irrifjutata filwaqt li l-kopertura taht l-istess polza titwaqqaf immedjatament.

Dan ma jirrizultax li kien il-kaz, però, minhabba li minn diversi korrispondenzi skambjati bejn l-ilmentatur u l-provditur tas-servizz irrizulta li dan tal-ahhar kien lest li jhallas ghal xi hsarat li l-bagalji tal-istess ilmentatur garrbu waqt li kienu qed jirritornaw lura lejn Malta.

L-Arbitru hu tal-fehma li, a bazi tal-mod kif wiehed jifhem din il-kundizzjoni, kieku din giet infurzata, f'kaz li l-provditur tas-servizz kien qed jissuspetta f'*misrepresentation* min-naha tal-ilmentatur, it-talba ghal din il-hsara lanqas kienet tigi milqugha ghax il-kopertura kollha kienet tieqaf immedjatament.

[9] P. 77
[10] P. 93

Raguni ohra moghtija mill-provditur tas-servizz ghalfejn il-*claim* ipprezentata mill-ilmentatur ma gietx accettata kienet *'Exclusion 2(b) applicable to Section A & B (pagna 6) …'*[11]

Din l-*Exclusion* tghid li l-provditur tas-servizz ma jhallasx ghal:

*"Loss or damage to valuables and money:*

*(a) in a suitcase while in transit and outside your control.*

*(b) when left unattended unless in a safe or safety deposit box or at your accommodation abroad.*

*(c) in an unattended vehicle."*[12]

Skont il-Polza, fost l-affarijiet li gew allegatament misruqa lill-ilmentatur, hemm dawk li jaqghu taht '*Valuables*' li hija definita bhala

*"Articles containing precious metals or stones, pictures and other works of art, coins and medals, jewellery, furs, gold and silver articles, watches, radios, binoculars, telescopes, cameras, computer equipment and other electronic devices, mobile phones and accessories, personal organisers and audio/photographic/video equipment."*[13]

Din l-*exclusion* ikkwotata hawn fuq hija wahda mill-"*Exclusions to Sections A, B & C"*, bl-ewwel tnejn ikunu *Baggage* u *Personal Money* li japplikaw f'dan il-kaz.

Fix-xhieda tieghu, l-ilmentatur stqarr li,

*"… fit-tieni gurnata, konna qeghdin f'hanut naraw xi hwejjeg, insteraqli l-backpack … Il-backpack kien hdejja maybe two metres away. Nghid li kont nipprova flokk, ma kontx fid-dressing room, kont barra. M'ghogobnix, inzajtu, dort u l-backpack ma sibtux.'*[14]

L-Arbitru jirreferi ghar-rapport tal-pulizija li gie originarjament sottomess mill-ilmentatur innifsu flimkien mal-ilment. Taht is-sezzjoni *Case Supplement Report*

[11] P. 94
[12] P. 58
[13] P. 54
[14] P. 202 - 203

li giet kompluta fl-14 ta' Mejju 2023, wara li l-filmat mis-CCTV tal-istabbiliment fejn sehhet l-allegata serqa ghadda ghand il-pulizija Amerikana, gie indikat li:

*"On 05/092023, I received CCTV footage from Tommy Hilfigher in reference to the stolen Nike Bag. CCTV footage shows the victim trying on T-shirts inside of Tommy Hilfiger at 7:31pm on 05/06/2023. The victim places his bag on the ground and walks away. At 7.37pm a white or Hispanic male with arm tattoos wearing a black tank top, and khaki shorts is seen grabbing the bag and leaving the store …"*[15]

Permezz ta' din id-dikjarazzjoni, li giet anke ikkonfermata[16] mill-ilmentatur innifsu, huwa evidenti li l-ilmentatur neza' il-basket, hallieh mal-art, u telaq minn hdejh.

Fis-sottomissjonijiet verbali, l-ilmentatur stqarr *"Jien ghalija inzajtu, poggejtu fuq il-mejda ta' hdejja u* ***__mort nipprova__****."*[17] (emfasi mizjud mill-Arbitru)

Kompla billi qal li:

*"Nghid li l-hin kif qal tajjeb is-Sur Galdes, hemm sitt minuti.  F'dawk is-sitt minuti dejjem kont not far away than two or three metres mill-basket.  Zgur, zgur, zgur li jien mhux kif qal is-Sur Galdes li jien tlaqt minn fuq il-post u hallejt il-basket unattended.  Il-basket kien qieghed hemm, imxejt forsi tliet metri biex mort quddiem il-mera biex nipprova u kif gejt lura l-basket ma nstabx.'*[18]

Il-fatt li l-ilmentatur neza' il-basket, hallieh, u telaq minn hdejh kif digà saret referenza aktar kmieni, qed jigi kkonfermat mill-ilmentatur innifsu u, ghaldaqstant, certament li dan ma jistax jigi innegat.

L-Arbitru huwa tal-fehma li l-ilmentatur kienx biss zewg jew tliet metri 'il boghod mill-basket, u jekk dan kienx wahdu ghal sitt minuti, iktar jew inqas, xorta wahda jibqa' l-fatt li fil-mument li nsteraq, il-basket ma kienx qed jigi osservat jew ahjar sorveljat u, ghaldaqstant, jitqies li kien *unattended.*

[15] P. 36
[16] P. 207 – *'Huwa vera li qal Mr Galdes fuq dak li kiteb il-pulizija'*
[17] P. 207
[18] P. 208

Minhabba f'hekk, kif anke semma[19] l-provditur tas-servizz fit-twegiba tieghu ghall-ilment, l-ilmentatur kiser "*Special Condition 1 applicable to Section A"* u "*Special Conditions applicable to Section B"* li jghidu, *"You must, always, take reasonable care to supervise your property …"*[20] u *"You must always take reasonable care to supervise your money …"*[21], u dan partikolarment meta kien jaf li l-kontenut li kellu fl-istess basket kien ta' certu valur u, fuq kollox, meta l-istess ilmentatur ma kienx wahdu fuq dan il-vjagg u partikolarment f'dan il-hanut. Ghalhekk seta' facilment halla l-basket taht sorveljanza ta' min kien mieghu.

Fid-deher ta' dan kollu, l-Arbitru jhoss li l-ilmentatur naqas milli jaderixxi mal-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-polza u, ghaldaqstant, minghajr ma jidhol fil-mertu tal-fatturi ohra principalment imsemmija fl-ilment li jirrigwardjaw l-evidenza mitluba mill-provditur tas-servizz fir-rigward tal-oggetti misruqa, l-Arbitru jiddikjara li ma sar xejn hazin min-naha tal-istess provditur tas-servizz meta ddecieda li ma jhallasx il-*claim* imressqa a bazi ta' eskluzjoni li tittratta l-fatt li l-istess oggetti misruqa kienu fil-fatt thallew *unattended*.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet imsemmija hawn fuq, l-Arbitru ma jistax jilqa' dan l-ilment.

Minhabba c-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, kull parti thallas l-ispejjez taghha.

**Rakkomandazzjoni**

L-Arbitru jhoss izda li ghandu jaghmel rakkomandazzjoni, bla obbligu fuq il-provditur tas-servizz li jaccettaha, biex issir offerta *ex-gratia 'full and final settlement'* ta' €780, zieda zghira fuq is-€600 li gew offruti digà bla pregudizzju.

Dan ikopri t-telf sostnut fuq oggetti zghar b'eskluzjoni tal-flus kontanti u l-*mobile* li, stante il-valur baxx, ma humiex ikkunsidrati bhala '*valuables'*. Dan peress li minkejja, kif digà deciz, l-ilmentatur naqas mill-obbligu ta' sorveljanzi skont il-

[19] P. 94
[20] P. 55
[21] P. 56

kundizzjonijiet tal-polza, l-Arbitru ma jiddubitax li l-ilmentatur inkorra telf minn dan il-kaz.

**Alfred Mifsud**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**<u>Nota ta' Informazzjoni relatata mad-Decizjoni tal-Arbitru</u>**

*Dritt ta' Appell*

Id-Decizjoni tal-Arbitru legalment torbot lill-partijiet, hlief ghad-dritt ta' appell regolat bl-artikolu 27 tal-Att Dwar l-Arbitru Ghas-Servizzi Finanzjarji (Kap. 555) ('l-Att'), maghmul quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fi zmien 20 (ghoxrin) gurnata mid-data tan-notifika tad-Decizjoni jew fil-kaz li ssir talba ghal kjarifika jew korrezzjoni tad-Decizjoni skont artikolu 26(4) tal-Att, mid-data tan-notifika ta' dik l-interpretazzjoni jew il-kjarifika jew il-korrezzjoni hekk kif provdut taht l-artikolu 27(3) tal-Att.

Kull talba ghal kjarifika tal-kumpens jew talba ghall-korrezzjoni ta' xi zbalji fil-komputazzjoni jew klerikali jew zbalji tipografici jew zbalji simili mitluba skont artikolu 26(4) tal-Att, ghandhom ikunu maghmula mal-Arbitru, b'notifika lill-parti l-ohra, fi zmien 15 (hmistax)-il gurnata min-notifika tad-Decizjoni skont l-artikolu msemmi.

Skont il-prattika stabbilita, d-Decizjoni tal-Arbitru tkun tidher fis-sit elettroniku tal-Ufficcju tal-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji wara li jiskadi l-perjodu tal-appell. Dettalji personali tal-ilmentatur/i jkunu anonimizzati skont artikolu 11(1)(f) tal-Att.